



Brussell, 23 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9043/23

Fajl Interistituzzjonali:
2008/0140(CNS)

SOC 296
ANTIDISCRIM 41
MI 372
JAI 554
FREMP 131

RAPPORT

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti / Kunsill
Nru. dok. preċ.	8468/23
Nru dok. Cion:	11531/08 - COM(2008) 426 final
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-tvemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali - <i>Rapport ta' Progress</i>

I. INTRODUZZJONI

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill bil-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjieg. Waqt li tikkomplementa l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-KE¹ f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-educazzjoni; u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, inkluża l-akkomodazzjoni.

¹ B'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE.

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet laqgħet il-proposta fil-prinċipju, b'bosta minnhom japprovaw il-fatt li l-għan tagħha hu li tikkompleta l-qafas legali eżistenti billi tindirizza l-erba' raġunijiet ta' diskriminazzjoni kollha permezz ta' approċċ orizzontali.

Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet affermaw l-importanza tal-promozzjoni tat-trattament ugwali bħala valur kondiviż fl-UE. B'mod partikolari, diversi delegazzjonijiet issottolinjaw is-sinifikat tal-proposta fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD). Madankollu, xi delegazzjonijiet kienu jippreferu dispożizzjonijiet aktar ambizzjużi fir-rigward tad-diżabbiltà.

Waqf li enfasizzaw l-importanza tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, xi delegazzjonijiet qajmu dubji dwar il-ħtieġa għall-proposta tal-Kummissjoni, li huma qiesu bħala vjolazzjoni tal-kompetenza nazzjonali għal ċerti kwistjonijiet u konfliġġenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Xi delegazzjonijiet talbu wkoll kjarifiki u esprimew tħassib relatat, b'mod partikolari, man-nuqqas ta' ċertezza legali, it-tqassim tal-kompetenzi, u l-impatt prattiku, finanzjarju u legali tal-proposta.

Żewġ delegazzjonijiet żammew riżervi ġenerali dwar il-proposta kif inhi.

Għalissa, id-delegazzjonijiet kollha żammew riżervi ġenerali ta' skrutinju dwar it-test.

CZ u DK żammew riżervi ta' skrutinju parlamentari. Il-Kummissjoni tappoġġa t-tfittxija għal kompromess, filwaqt li żżomm riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla għall-proposta oriġinali tagħha f'dan l-istadju.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fit-2 ta' April 2009² skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant tinħtieġ l-unanimità fil-Kunsill, wara l-*approvazzjoni* tal-Parlament Ewropew.

² Ara d-dok. A6-0149/2009. Alice Kuhnke (SE/Ħodor/Alleanza Ħielsa Ewropea) inħatret Rapporteur mill-Parlament attwali.

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA ŻVEDIŻA

B'segwitu għad-diskussjonijiet li saru fl-2021 u fl-2022, li ġeneralment iffokaw fuq id-dispożizzjonijiet dwar id-diżabbiltà,³ il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali⁴ kompla l-eżami tiegħu tal-fajl abbażi ta' nota ta' gwida⁵ imressqa mill-Presidenza Żvediża.

Fin-nota ta' gwida tagħha, il-Presidenza stiednet lid-delegazzjonijiet jindikaw jekk qisux hteġa għal aktar kjarifika ta' ċerti dispożizzjonijiet ewlenin dwar *il-kunċett ta' diskriminazzjoni* (l-Artikolu 2), *il-kamp ta' applikazzjoni* (l-Artikolu 3) u *akkomodazzjoni raġonevoli għal persuni b'diżabbiltà* (l-Artikolu 4a).

Għadd kbir ta' delegazzjonijiet ma raw l-ebda hteġa għal aktar kjarifika tal-elementi ta' hawn fuq. Delegazzjoni waħda tenniet il-fehma tagħha li l-proposta ma tirrispettax il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Oħrajn raw il-hteġa għal aktar ħidma fuq it-tliet kwistjonijiet, kif ukoll fuq partijiet oħra tat-test. Il-kwistjonijiet ewlenin imqajma waqt id-diskussjoni inkludew dawn li ġejjin:

Artikolu 2 – Kunċett ta' diskriminazzjoni

Delegazzjoni waħda appellat biex il-kunċett ta' diskriminazzjoni jiġi definit b'mod aktar ċar, sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali u l-hteġa li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tinterpreta l-kunċett fil-futur.

Ċerti delegazzjonijiet xtaqu jaraw il-kunċett ta' *diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli* (inkluż id-diskriminazzjoni intersezzjonali) iċċarat fl-artikoli kif ukoll fil-premessi⁶.

Ċerti delegazzjonijiet appellaw biex jergġhu jiddaħħlu fit-test il-kunċetti ta' *diskriminazzjoni b'assoċjazzjoni* u *diskriminazzjoni abbażi ta' suppożizzjonijiet*.

Delegazzjoni waħda xtaqet tara l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva estiż biex ikopri l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru flimkien mal-orjentazzjoni sesswali.

³ Ara d-dokumenti 9109/21, 14046/21 u 13070/22.

⁴ Saret laqgħa fil-11 ta' Mejju 2023.

⁵ Dok. 8468/23.

⁶ Ara wkoll il-Premessa 12ab.

Ċerti delegazzjonijiet raw il-ħtieġa li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet dwar id-differenzi permissibbli fit-trattament fl-għoti ta' servizzi finanzjarji bbażati fuq l-età jew fuq kondizzjoni tas-saħħa li tista' tkun marbuta mad-diżabbiltà ta' persuna, inkluż fil-kuntest tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD).

Artikolu 3 – Kamp ta' Applikazzjoni

Delegazzjoni waħda appellat biex jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet dwar "l-età" sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali u l-ħtieġa li l-QĠUE tinterpreta dawk id-dispożizzjonijiet fil-futur.

Delegazzjoni waħda appellat biex titħassar ir-referenza li tikkwalifika "tradizzjonijiet legali" nazzjonali, bil-ħsieb li jiġi żgurat ir-rispett tas-supremazija tad-dritt tal-UE (l-Artikolu 3(1)). Delegazzjoni waħda staqsiet ukoll dwar l-esklużjoni tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali relatati mal-istat ċivili mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

Artikolu 4a – Akkomodazzjoni raġonevoli għal persuni b'diżabbiltà

Ċerti delegazzjonijiet raw il-ħtieġa li jiġu ċċarati d-drittijiet u l-eżenzjonijiet speċifiċi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet dwar l-akkomodazzjoni raġonevoli, inkluż il-kunċett ta' piż sproporzjonat. Filwaqt li fakkru fl-importanza li tinżamm il-konsistenza mal-UNCRPD, diversi delegazzjonijiet wissew ukoll kontra kwalunkwe tnaqqis fis-saħħa tad-dispożizzjonijiet dwar id-diżabbiltà, inkluż l-iskadenza itwal prevista għall-implimentazzjoni tar-rekwiżit li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli (l-Artikolu 15(2)). Delegazzjoni waħda appellat biex jergħu jiġu introdotti fit-test id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà.

Delegazzjoni waħda indikat ukoll il-ħtieġa li jitħassar jew jiġi allinjat l-Artikolu 12 fid-dawl tad-diskussjoni li għaddejja dwar id-Direttivi proposti dwar standards għall-Korpi tal-Ugwaljanza.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni enfasizza l-ħtieġa li tinżamm l-ambizzjoni fir-rigward tal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' diżabbiltà u esprima l-fehma li d-Direttiva trid, sa fejn ikun possibbli, tiġi interpretata b'mod konsistenti mal-UNCRPD. Fir-rigward tal-aċċessibbiltà, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni nnota li d-dispożizzjoni fil-proposta oriġinali li tiddikjara li d-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jkopru l-aċċessibbiltà fir-rigward ta' oġġetti jew servizzi partikolari, inżammet fit-test attwali (l-Artikolu 4a(4)). Fir-rigward tat-tħassir tad-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess effettiv u mhux diskriminatorju, ir-rappreżentant tal-Kummissjoni fakkar ukoll li kien meħtieġ li jiġi żgurat li din il-bidla ma tnaqqasx il-protezzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fl-oqsma koperti mid-Direttiva.

III. KONKLUŻJONI

Għadd kbir ta' delegazzjonijiet affermaw mill-ġdid l-appoġġ qawwi tagħhom għall-proposta u l-adozzjoni rapida tagħha, u ħafna minnhom indikaw li jistgħu jappoġġaw id-Direttiva kif abbozzata attwalment. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni enfasizza li l-Kummissjoni kompliet tqis l-adozzjoni tal-proposta bħala prijorità u kienet lesta li tkompli tappoġġa n-negozjati, sabiex isir progress fuq il-fajl. Fid-dawl taż-żmien li għadda minn meta tressqet il-proposta għall-ewwel darba, diversi delegazzjonijiet appellaw ukoll għal diskussjonijiet fil-livell politiku bil-ħsieb li jingħeleb l-istaġnar, jekk possibbli.

Filwaqt li sar ċertu progress matul id-diskussjonijiet l-aktar reċenti, li għal darb'oħra wrew li hemm appoġġ wiesgħa għall-abbozz ta' Direttiva, jidher ċar li hi meħtieġa aktar ħidma sinifikanti qabel ma tkun tista' tintlaħaq l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill.